**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**David Coleiro**

Numru: 96/2002

Illum it-tlieta (3) ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **David Coleiro**, ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Anthony u Concetta neé Desira, imwieled Luqa nhar is-7 ta' Frar 1964, residenti 'Westgate', Triq Ferretti, Birzebbuga u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 162364(M), akkuzat talli nhar it-28 ta' Awwissu 2000, u fix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentement ghamel uzu minn cedola, polza, ordni jew dokument falz, u cioé dokumenti ta' diversi socjetajiet esteri, u dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 169 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentiku u pubbliku, fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom jippruvaw, jew xjentement ghamel uzu tal-istess dokumenti hekk foloz, u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm500.00 bi hsara tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT gie akkuzat ukoll talli:

5. fl-20 ta' Lulju, 2000 u/jew b'xi dati qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti (*invoices*) li jgibu n-numri 2142/CT (CIRA), 710 (KRONOS) datati 19 ta' Lulju 2000, liema dokumenti juru valur anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm680.00, VAT imhallas kien ta' Lm102.00, meta fil-fatt il-valur u VAT reali kellhom ikunu Lm6,655.00 u Lm998.00 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni (*mobile phones*) li kienet importata f'Malta fid-19 ta' Lulju 2000, giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Retained by Customs Form Numru C917 u Baggage Receipt Number 75997 fl-20 ta' Lulju 2000. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq tinharab il-VAT fuq l-importazzjoni li tammonta ghal Lm896.00 dovuti lill-Gvern ta' Malta;

6. fit-28 ta' Awwissu 2000, u/jew f'xi dati qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti (*invoices*) li jgibu n-numri 710 (KRONOS) u iehor (CIRA) li ma jinqarax, liema dokumenti juru valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R73278. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm1,013, VAT imhallas kien ta' Lm152.00 , meta fil-fatt il-valur u VAT reali kellhom ikunu Lm3,506.00 u Lm526.00 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni (*mobile phones*) li kienet importata f'Malta fis-26 ta' Awwissu 2000, kif jidher fuq id-dokument tad-Dwana Retained by Customs Form Numru C1049 li gew rilaxxati bid-dokument tad-Dwana R73278 u Receipt Number 42973 fid-29 ta' Awwissu 2000. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab il-VAT fuq l-importazzjoni li tammonta ghal Lm374.00 dovuti lill-Gvern ta' Malta, bi ksur tal-

Artikoli 18, 62(f)(g)(h)(l)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37; Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud Nru XXIII tal-1998.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 18).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 302a *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 303), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat id-depozizzjoni tax-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed taghlaq il-provi taghha (*a fol.* 304).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, fejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza, fost l-ohrajn, issuggerew lill-Qorti sabiex taghti sentenza ta' prigunerija t-terminu ta' liema jkun sospiz.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali (*a fol.* 6 *et seq.*) tieghu (li minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja), dak li gie suggeriet lill-Qorti mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u, sa certu punt, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni ma jistghax jinghad li hija wahda bikrija *stante* li din giet registrata fis-seduta tallum wara li l-kawza kienet ilha tkaxkar ghal diversi u diversi snin. Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu ghandha tkun dik ta' prigunerija, it-terminu ta' liema terminu jkun sospiz, u kif ukoll ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 188, 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 18, 62(f), 62(g), 62(h), 62(l), 62(k), 62(m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat David Coleiro hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1000) tikkundannah ukoll ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

Finalment, il-Qorti tordna li l-oggetti kollha li jirrigwardaw l-imputazjonijiet odjerni u li gew ezebiti f'dawn il-proceduri jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**